**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 30 ta' Novembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Arthur Mercieca**

**Spettur Jonathan Ransley**

**Vs**

**Renald Baldacchino**

**Clint Cauchi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Renald Baldacchino ta' 38 sena, mwieled h'Attard, nhar it-13 ta' Settembru, 1979 bin Lawrence u Pauline nee' Debattista, residenti 54, Triq il-Mejjilla, Qormi, detentur ta' Karta ta' l-identita' nru 431079(M);

U

Clint Cauchi ta' 32 sena, mwieled Pieta', nhar is-6 ta' Marzu 1985, bin Joseph u Emanuel nee' Farrugia, residenti Blk 2, Bieb B, Flat 4, Triq Ramija, Siggieiwi u detentur tal-karta ta' l-identita' nru 162685(M);

Talli fil-lejl ta' bejn id-19 ta' Gunju 2017 u l-20 ta' Gunju, 2017 minn gewwa Brincat Auto Dealer, Marina Street, Pieta:

1) Ikkommettew serq t'erba vetturi, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi s-somma t'elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' edgar Brincat u/jew persuna/i ohra;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamlu, hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immmobbli, meta ghamlu hsara ta' mhux izjed minn elfejn u hames mitt eurp (€2,500); ghad-detriment ta' Edgar Brincat u/jew persuna/i ohra;

Renald Baldacchino wahdu talli fis-27 ta' Gunju, 2017 u fil-gimghat ta' qabel:

3) Xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe rota ta' ghamla Nextbike bin-numru ta' chassis JW16060356 li il-valur taghha ma jeccedix l-elfejn u tlitt mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehuda b'qerq, jew akkwistata b'reat, jew, xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghha jew imexxiha.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-30 ta' Novembru 2017, li giet ikkonfermata minnhom wara li nghataw z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew l-ammissjoni taghhom, u wara li l-Qorti wissiethom solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat il-'pre-sentencing report' tal-ufficjali tal-Probation fil-konfront taz-zewg imputati;

Rat illi z-zewg imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-Qorti tittratta maghhom sommarjament, u tghaddi ghas-sentenza fuq l-istess rapport hawn imsemmija;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 269, 270, 271, 325, 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputati;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannahom ghall-piena segwenti:

Lil Renald Baldacchino, sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin taht supervizjoni ta' ufficjal tal-Probation, ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Clint Cauchi tordna li jitqieghed taht ordni ta' Probation ghal l-perjodu ta' tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, flimkien ma' ordni ta' Trattament ghall-perjodu ta' tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**